# Politika li Tirregola ż-Żamma ta' Dokumentazzjoni Diġitizzata u Fiżika miżmuma mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

**Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal (MSFC)**

Verżjoni 2.1

## 1. Tip ta' Dokument

Dokument ta' Politika

## 2. Klassifikazzjoni tas-Sigurtà

Mhux klassifikat

## 3. Sinopsi

Dan id-dokument jippreżenta l-politika għar-regolazzjoni taż-żamma għal dokumentazzjoni diġitizzata u fiżiċi miżmuma mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

## 4. Bidla u Distribuzzjoni

| Awtur/Awtriċi | Kontrollur tal-Bidla | Kontrollur tad-Distribuzzjoni |
|---|---|---|
| Anita Giordimaina – MFCS Uffiċjal Legali | Unità tal-Immaniġġjar tal-Informazzjoni | Unità tal-Immaniġġjar tal-Informazzjoni |

## 5. Lista ta' Distribuzzjoni

Dominju Pubbliku

## 6. Storja tal-Modifikazzjoni

| Verżjoni | Data | Kummenti |
|---|---|---|
| 1.0 | 06.11.2020 | |
| 2.0 | 13.11.2020 | |
| 2.1 | 02.12.2020 | Tibdil fl-isem tal-Ministeru u kjarifika dwar meta dejta u/jew dokumentazzjoni ma jinqerdux |

## Werrej


1. Skop 4

2. Sfond 4

3. Għanijiet 4

4. Amministrazzjoni 4

5. Dokumentazzjoni miżmuma fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali 5

6. Sigurtà ta’ Dokumentazzjoni Diġitalizazzjoni 5

7. Perjodu taż-Żamma 5

8. Konklużjoni 6

## 1. Skop

Din il-Politika għandha l-għan li tirregola ż-żamma, il-manutenzjoni u kif tiġi mormija d-data u dokumentazzjoni, kemm personali kif ukoll oħrajn, fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali kif previst fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap.318.) tal-Liġijiet ta' Malta, u b'konformità mal-prinċipji tal-leġiżlazzjoni ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data, u dispożizzjonijiet legali oħrajn fil-Liġijiet ta' Malta, b'mod partikolari r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (UE) 2016/679(GDPR) u l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data 2018 (Kap.586.) tal-Liġijiet ta' Malta, li jirregola l-ipproċessar tad-data personali.

## 2. Sfond

Il-GDPR tisħaq il-prinċipju li d-data personali u d-data personali sensittiva m'għandhomx jinżammu għal perjodi li huma itwal milli meħtieġ. F'dan il-kuntest, id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali se jressaq politika dwar iż-żamma tad-data u d-dokumentazzjoni kollha li tiġbor u tipproċessa, bl-għan li tiġi żgurata l-konformità mar-Regolament u li jiġi żgurat li l-ebda riżorsi ma jintużaw fl-ipproċessar u l-arkivjar ta' data li m'għadhiex rilevanti.

## 3. Għanijiet

Din il-politika għandha l-iskop li tikseb l-għanijiet li ġejjin:

1. Tistabilixxi l-perjodu ta' żamma;

2. Tirregola ż-żamma u r-rimi tad-diversi tipi ta' dokumentazzjoni miżmuma fir-rigward tal-applikazzjonijiet kollha għal benefiċċji kontributorji u dawk mhux kontributorji f'sistemi ta' preżentazzjoni manwali jew awtomatizzati fid-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali, filwaqt li s-segwi l-prinċipju tal-Protezzjoni tad-Data li d-data personali ma tinżammx għal perjodu li jkun itwal milli meħtieġ;

3. Rimi ta' dokumentazzjoni elettronika u fiżika mhux meħtieġa u li allura m'għadhiex rilevanti;

4. Il-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tad-dokumentazzjoni kif jista' jkun raġonevolment possibbli sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun l-użu tal-ispazju meħtieġ għall-ħażna tad-dokumentazzjoni meħtieġa, kif ukoll għall-promozzjoni ta' użu sostenibbli tal-oġġetti tal-karta u tal-oġġetti għall-istampar.

## 4. Amministrazzjoni

Din il-Politika hija applikabbli għal tali dokumentazzjoni kollha fir-rigward tal-applikazzjonijiet kollha għal benefiċċji kontributorji u mhux kontributorji u se tkun ir-responsabbiltà tal-Kontrollur tad-Data biex jiżgura li d-dispożizzjonijiet kollha ta' din il-Politika jkunu qiegħdin jiġu segwiti. F'każ ta' kwalunkwe kwistjoni b'data personali, id-deċiżjoni finali hija f'idejn id-Direttur Ġenerali bħala Kontrollur tad-Data tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

## 5. Dokumentazzjoni miżmuma fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

Bħala parti mill-ħtiġijiet operattivi tiegħu, id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali, jitlob, iżomm u jaħżen dokumentazzjoni li tista' tinkludi data personali. Id-diversi tipi ta' dokumentazzjoni utilizzati mid-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali jistgħu jiġu kkategorizzati kif ġej:

a. Data personali tal-benefiċjarji;
b. Data relatata mal-applikanti;

## 6. Sigurtà ta' Dokumentazzjoni Diġitalizazzjoni

1. Id-dokumentazzjoni ser tinżamm f'post aċċessibbli iżda sigur b'aċċess adegwat ipprovdut lill-individwi tad-data li jitolbuha u lill-uffiċjali li għandhom livell ta' awtorizzazzjoni sabiex jaċċessaw id-dokumentazzjoni rilevanti. Id-dokumenti b'data personali sensittiva se jeħtieġu livelli ogħla ta' approvazzjoni u protokolli ta' kontroll tal-aċċess biex jiġi żgurat li dawn jiġu rispettati bis-sħiħ u biex jiġi żgurat li dawk biss li għandhom l-awtorizzazzjoni ta' sigurtà meħtieġa jista' jkollhom aċċess għal tali dokumentazzjoni.

2. Fil-każ ta' data personali, il-GDPR jistipula wkoll li dawk biss li huma meħtieġa biex jipproċessaw data personali għandu jkollhom aċċess għal rekords personali.

3. Il-persuna li tinstab li tkun qed tikser dawn il-protokolli tas-sigurtà, u għalhekk bi ksur tal-GDPR, se jkun soġġett għal azzjoni dixxiplinarja mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni oħra li tista' titqies li hija xierqa, proporzjonata u opportuna mal-ħsara kkawżata.

4. F'terminu ta' perjodi ta' żamma, ta' min jinnota li l-istess perjodu ta' żamma se japplika kemm għad-data elettronika kif ukoll għal dik manwali, b'din il-politika applikabbli b'mod partikolari għad-dokumentazzjoni diġitalizzata.

## 7. Perjodu taż-Żamma

Il-Perjodu ta' żamma ta' tali dokumenti diġitizzati u fiżiċi għandha tkun dik ta' 5 snin li jibdew jiddekorru mid-data meta l-benefiċċju ġie tterminat għal kwalunkwe raġuni jew id-data tal-mewt tal-benefiċjarju, skont liema waħda miċ-ċirkostanzi sseħħ ruħha l-ewwel[1]..

Iżda fil-każ fejn ikun hemm data li tkun komuni f'aktar minn fajl wieħed li jkun jappartjeni l-istess benefiċjarju; il-fatt li d-data tinqered mill-fajl relatat mal-benefiċċju li jiġi tterminat ma jfissirx awtomatikament li l-istess data tinqered mill-fajl relatat mal-benefiċċju li jkun għadu għaddej u/jew ikun suġġett għal xi pendenza li tkun għadha mhux riżolta.

[1]Wara riċerka kemm fuq artikli barranin kif ukoll lokali, il-perjodu ta' 5 snin ġie stabbilit bħala dak l-aktar komuni. Dan ukoll abbażi tal-Artikolu 2156 tal-KAP 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistabbilixxi l-azzjonijiet li huma preskritti biż-żmien sal-iskadenza ta' 5 snin, b'mod partikolari s-sub-artikolu (f) li jaqra kif ġej:*"azzjonijiet għall-ħlas ta' kwalunkwe dejn ieħor li jirriżulta minn tranżazzjonijiet kummerċjali jew kawżi oħra, sakemm dan id-dejn ma jkunx, taħt din jew kwalunkwe liġi oħra, projbit mill-iskadenza ta' perjodu iqsar jew sakemm ma jirriżultax minn att pubbliku* wkoll wara li jitqies il-perjodu medju taż-żamma kif stabbilit fl-Iskeda Komuni ta' Ritenzjoni u Dispożizzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa DS/COE(2017)5.

## 8. Konklużjoni

Dan il-perjodu ta’ żamma għandu l-għan li jikseb bilanċ adegwat bejn iż-żamma ta’ informazzjoni utli u informazzjoni relatata u r-rimi ta’ data li ma għadhiex meħtieġa għall-iskop stabbilit. Id-data li trid tinqered wara l-perjodi ta’ żmien innutati se tkun disposta f’materja effiċjenti biex jiġi żgurat li informazzjoni bħal din ma tkunx aktar disponibbli fi ħdan id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali.

Il-Kontrolluri għall-Protezzjoni tad-Data, id-Diretturi Ġenerali, id-Diretturi u l-DPOs huma konxji mill-perjodi ta’ żamma nnutati u jagħtu struzzjonijiet lill-persunal kollu tagħhom sabiex isegwu l-proċeduri indikati skont dan.

Għandu jiġi nnutat ukoll li d-data anonimizzata jew statistika ma taqax taħt il-parametri ta’ din il-Politika ta’ Żamma, peress li ma tikkostitwixxix identifikazzjoni ta’ data personali.

Għandu jingħad li din il-politika tirikonoxxi Artikolu 8(2) tal-KAP. 477 (l-Att dwar l-Arkivji Nazzjonali) tal-Liġijiet ta’ Malta, salv għal dak li jirrigwarda data u informazzjoni taħt l-artikolu 133(b) tal-KAP. 318 (l-Att dwar is-Sigurta Soċjali) li jissalvagwarda s-segrettezza ta’ kwalunkwe data u informazzjoni provduta lid-Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali) taħt dan l-artikolu imsemmi.